# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000**

**Numru 56**

**Citaz. numru 101/90 DS**

Joseph Felice Pace ghan-nom u in rappresentanza ta' A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited u dawn bhala agenti tas-socjeta' assigurattrici estera Legal and General Assurance Society Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Spartex Limited u b'nota tal-4 ta' Novembru 1991 David Warrington ghan-nom u in rappresentanza ta' Allied Insurance Services Limited, assuma l-atti tal-kawza flok Joseph Felice Pace ghan-nom u in rappresentanza ta' A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Limited stante tibdil fir-rappresentanza tas-Socjeta' estera Legal General Assurance Society Limited.

vs

Godwin Abela ghan-nom u in rappresentanza ta' The Cargo Handling Company Limited.

Illum, il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta' Jannar 1990 li permezz taghha l-atturi nomine ppremettew:

Illi fil-25 ta' Jannar 1989 waslet f'Malta konsenja ta industrial clothing abbord il-vapur Concord Ibuki li giet konsenjata lil Spartex Limited wara li giet imnizzla minn abbord dan il-bastiment mill-kumpanija The Cargo Handling Company Limited b'telf u danni;

Illi dan it-telf kien jammonta ghas-somma ta' elf mitejn u seba' u erbghin lira (Lm1247) liema ammont gie mhallas mill-attur lil Spartex Limited a bazi ta' polza ta' assigurazzjoni u b'hekk gew surrogati fid-drittijiet tal-istess (Dok. A);

Illi dan gie kagunat mill-konvenut.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli tat-telf u danni kagunati fl-hawn fuq imsemmija konsenja ta' "industrial clothing";

2. tikkundannah jew tikkundannahom ihallas jew ihallsu lill-attur is-somma ta' elf mitejn u seba u erbghin lira (Lm1247) rappresentanti telf soffert mill-istess;

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u l-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-azzjoni attrici hija preskritta skond il-ligi u cioe' a tenur tas-sub-inciz (b) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance 1966.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante l-merkanzija giet konsenjata minghajr rimarki kif jidher ampjament car mill-Gate Pass Out Numru 130623 u 130624 Dok. "AA 1" u "AA 2".

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-23 ta' Jannar 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Joseph Zammit McKeon bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet konvenuti;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Jannar 1999;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu 1999 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:-

It-talba tas-socjeta' assikurattrici tirrigwarda somma mhallsa lis-socjeta' assikurata Spartex Ltd. ghal telf u hsara f'kunsinja "industrial clothing" li din is-socjeta' importat f'Jannar tas-sena 1989. Is-socjeta attrici sostniet fic-citazzjoni li ghat-telf u hsara hi responsabbli s-socjeta konvenuta. Fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta konvenuta sostniet li mhix responsabbli

peress li l-merkanzija giet konsenjata lill-importatur minghajr rimarki fil-"Gate Pass-Out".

In sostenn tat-talba attrici xehed Joseph Felice Pace (seduta peritali ta' l-24 ta' Jannar 1994) li qal li wara li gie infurmat permezz ta' telefonata fl-1 ta' Frar 1989 minn Salvu Farrugia ghas-socjeta' Spartex Ltd. dwar il-hsara, mar ghand l-istess socjeta' fejn kien hemm hafna kaxxi bil-kartun imqatta, hafna xoghol bil-hsara u hafna nuqqasijiet. Sar survey minn Surveyor tas-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. Is-socjeta' assikuratrici hallset skond is-survey tan-nuqqas "in full" u tal-hsara halsu tal-hasil, b'kollox Lm1247.

Gie prodott ukoll Oliver Losco (seduta tal-24 ta' Mejju 2000) li kkonferma s-survey report li ghamel (a fol 17 - 20). Minn hemm jirrizulta li huwa ezamina 191 "cartons garments" fil-mahzen tal-importatur u sab li "seventy-nine (79) cartons were found partly crushed/torn/ part contents exposed and showed signs of having been tampered with. On examining contents, three hundred (300) pieces Jackets were found missing".

Is-socjeta' attrici qed tippretendi rifuzjoni tas-somma ta' Lm1247 minghand is-socjeta' konvenuta.

Ghas-socjeta konvenuta xehed Emanuel Dimech li, fis-seduta peritali tal-25 ta' Novembru 1994, esebixxa ghaxar joint tally sheets. Minnhom jirrizultaw konsenji bil-marka "CARSON" jew "CARSONS" izda b'zewg numri ta' poloz ta' karigu kif se jigi elenkat:

<u>PLOZ TA' KARIGU NRU. 0007</u>

Dok. TCH 1: 32 kartuna li minnhom erba kartuniet kienu danneggjati bil-kontenut espost.

Dok. TCH 4: 8 kartuniet li minnhom erba' kartuniet kienu danneggjati.

Dok. TCH 6: 36 kartuniet li minnhom erba kartuniet kienu danneggjati.

Dok. TCH 7: 22 kartuna li minnhom zewg kartuniet kienu danneggjati.

Dok. TCH 10: 37 minghajr rimarka.

It-total ta' kartuniet taht din il-polza ta' karigu hu ta' 135 li minnhom tnizzlu minn fuq il-vapur danneggjati 14.

POLZA TA' KARIGU NRU. 67786

Dok. TCH 2: 83 kartuna li minnhom hames kartuniet kienu danneggjati.

Dok. TCH 3: 6 kartuniet minghajr rimarki.

Dok. TCH 5: 7 kartuniet li minnhom tnejn kienu danneggjati.

Dok. TCH8: 8 kartuniet minghajr rimarka.

Dok. TCH 9: 45 kartuna li minnhom kien hemm kartuna wahda danneggjata.

It-total ta' kartuniet taht din il-polza hu ta' 149 li minnhom tnizzlu danneggjati 8.

Jigifieri minn total ta' 284 kien hemm 22 danneggjati. Jigi nnotat li ma hemm l-ebda ndikazzjoni dwar in-natura ta' hsara izda ladarba gie rimarkat li tnizzlu minn fuq il-vapur danneggjati, ma hemmx dubju li almenu ghal dak li jirrigwarda 22 kartuna s-socjeta' konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli.

Issa kif diga' gie ndikat, meta s-surveyor Oliver Losco ezamina l-merkanzija (u skond ir-rapport tieghu ezamina 191 kartuna) huwa rriskontra hsara u nuqqasijiet f'79 kartuna. Il-merkanzija giet spezzjonata fil-mahzen ta' l-importatur, cioe' wara li giet rilaxxata mis-socjeta konvenuta. Dwar il-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument tar-rilaxx, is-socjeta' assikuratrici ma pproduciet l-ebda prova. B'mod partikolari ma ressqitx lill-burdnar u/jew ir-rappresentant tas-socjeta' importatrici li setghu jitfghu xi dawl fuq l-istat li fih giet irtiratata l-merkanzija.

Mill-banda l-ohra s-socjeta' konvenuta, esibiet zewg "Gate Pass-Out" (a fol 9 u 10 tal-process). "Gate Pass Out" numru 130623 a fol 9 tikkoncerna "180 cartons", filwaqt li l-"Gate Pass Out" 130624 a fol 10 tikkoncerna "191 cartons". Fiz-zewg kazijiet ma hemmx rimarki u jidher li gew iffirmati Mill-"Consignee or his Authorised Agent" bhala li "Received the goods in good order and condition"

Issa bhal ma gie stabbilit kien hemm mill-inqas total ta' 22 kartuna li tnizzlu minn fuq il-vapur danneggjati. Inoltre lanqas it-totali ma jaqblu peress li filwaqt li mill-joint tally sheets esebiti jirrizulta total ta' 284 cartons, fiz-zewg "Gate Pass Out" jirrizulta total ta' 371 cartons. Il-poloz ta' karigu nfushom ma gewx esebiti.

Il-punt kardinali pero' hu li kontra z-zewg "Gate Pass-Out" ma ngabux provi kuntrarji, salv ghall-"joint tally sheets" li jindikaw x'nizel danneggjat minn fuq il-vapur. Il-"Gate Pass Out" huwa dokument li bhala prova, johloq pregudizzju juris tantum li dak li jindika huwa l-verita' sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju (Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe, 2 ta' Mejju 1989, Vol. LXXIII. iv. 948) Jekk il-konsenja li ezamina s-surveyor jirreferi ghal-"lot" ta' cartons mahrugin bil-"Gate Pass Out" numru 130624 (peress li dan id-dokument jirreferi ghal 191 cartons u s-surveyor indika li ezamina 191 cartons)

jibqa l-fatt li skond dan id-dokument il-merkanzija giet rtirata minghajr rimarka dwar il-kondizzjoni taghha, u ma tressqet l-ebda prova li xxejjen dak li jirrizulta mill-imsemmi dokument. Il-fatt li gie stabbilit minn dokumenti ohra li kien hemm cartons li tnizzlu danneggjati minn fuq il-vapur u allura jindika li l-informazzjoni fuq iz-zewg "Gate Pass-Out" esebiti ma kienitx tant preciza, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni li ergo n-nuqqasijiet u hsarat l-ohra riskontrati mis-surveyor saru waqt li l-merkanzija kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta ghax, kif diga' gie osservat, ma tressqet l-ebda prova "serja u preciza" biex turi l-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument li giet irtirata mill-importatur.  Is-survey sar biss fil-mahzen ta' l-importatur.

Ghaldaqstant l-attur nomine ma rnexxilux jipprova li n-nuqqasijiet u hsarat kienet responsabbli ghalihom s-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici u tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-gudizzju.  Bl-ispejjez kontra l-attur nomine salv ghal dak relattivament ghas-sentenza preliminari tas-26 ta' Marzu 1999 li jigu sopportati mill-konvenut nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor. David Scicluna**

**D/Registratur**